MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 1089/2007

Paolo Bonnici Limited
vs
Mario Scerri

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Kevin Magri ghas-socjeta` Paolo Bonnici Limited li bih eccepixxa:

Illi bi skrittura tal-24 ta' Novembru, 2004 u approvata fl-24 ta' Novembru, 2004, Dok A annessa mar-rikors – Credit Application Form, is-socjeta` rikorrenti ikkoncediet kreditu lill-intimat ta' sittin (60) gurnata, b'limitu ta' sitt elef lira Maltin (Lm6,000) bil-kundizzjoni, fost ohrajn li l-istess intimat assuma r-responsabilita` personali ghall-hlas.

Illi kif jidher mill-istatement immarkat Dok B, l-intimat ghandu jaghti lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' sittax-il elf, erba' mija u hamsa u tmenin lira Maltin u sitta u

ghoxrin centezmu (Lm16,485.26) bilanc minn somma akbar prezz ta’ merkanzija varja lilu mibghuta u ikkonsenjata.  L-ahhar invoice kellha tithallas mhux aktar tard mill-14 ta’ Frar, 2007.

Illi bi skrittura tad-29 ta’ Awissu, 2005, u approvata fit-30 ta’ Awissu, 2005 – Dok A1, annessa mar-rikors Credit Application Form, is-socjeta` rikorrenti ikkoncediet kreditu lill-intimat ta’ disghin (90) gurnata, b’limitu ta’ tletin elf lira Maltin (Lm30,000) bil-kundizzjoni, fost ohrajn li l-istess konvenut assuma r-responsabilita` personali ghall-hlas.

Illi kif jidher mill-istatement immarkat Dok B1, l-intimat ghandu jaghti lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ tmienja u ghoxrin elf, mija u tletin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm28,130.54) bilanc minn somma akbar prezz ta’ merkanzija varja lilu mibjugha u ikkonsenjata.  L-ahhar invoice kellha tithallas mhux aktar tard mill-11 ta’ April, 2007.

Illi bi skrittura tas-16 ta’ Novembru, 1999, u approvata fit-22 ta’ Gunju, 1999 – Dok A2, anness mar-rikors Credit Application Form, is-socjeta` rikorrenti ikkoncediet kreditu lill-intimat ta’ disghin (90) gurnata, b’ limitu ta’ ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) bil-kundizzjoni, fost ohrajn li l-istess intimat assuma r-responsabilita` personali ghall-hlas.

Illi kif jidher mill-istatement immarkat Dok B2, l-intimat ghandu jaghti lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ tlett elef, sitt mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin (Lm3,628) bilanc minn somma akbar prezz ta’ merkanzija varja lilu mibjugha u ikkonsenjata.  L-ahhar invoice kellha tithallas mhux aktar tard mill-11 ta’ Mejju, 2007.

Illi ghalhekk l-ammonti dovuti mill-intimat huma s-segwenti:

1. L-ammont ta’ sittax-il elf, erba’ mija u hamsa u tmenin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm16,485.26) bl-imghax tat-8% fis-sena li mill-14 ta’ Frar, 2007 sal-14 ta’ Ottubru, 2007 jammontaw ghall-tmien mija u disgha u sebghin lira Maltin u wiehed u ghoxrin

centezmu (Lm879.21) – b'kollox sbatax-il elf tliet mija u erbgha u sittin lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm17,364.47) skond l-istatement Dok B;

2. L-ammont ta' tmienja u ghoxrin elf, mija u tletin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm28,130.54) bl-imghax tat-8% fis-sena li mill-11 ta' Aprl, 2007 sal-11 ta' Ottubru, 2007 jammontaw ghal elf mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1,125.22) – b'kollox disgha u ghoxrin elf mitejn u hamsa u hamsin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm29,255.76) skond l-istatement Dok B1;

3. L-ammont ta' tlett elef, sitt mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin (Lm3,628) bl-imghax tat-8% fis-sena li mill-11 ta' Mejju 2007 sal-11 ta' Ottubru, 2007 jammontaw ghal mija u ghoxrin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm120.93) – b'kollox tlett elef mitejn sengha mija u tmienja u erbghin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm3748.93) skond l-istatement Dok B2;

L-ammont komplessiv dovut hu ghalhekk ta' hamsin elf tliet mija u disgha u sittin liri Maltin u sittax-il centezmu (Lm50, 369.16).

Illi l-ammont pretiz hu likwidu, cert u dovut u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti l-intimat m'ghandu l-ebda eccezzjoni x'jaghti biex jikkontesta t-talba ghall-hlas.

Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti joghgobha tikkundanna lil Mario Scerri jhallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' hamsin elf tliet mija u disgha u sittin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm50,369.16) l-ekwivalenti ta' €117,391.47, bilanc minn somma akbar, prezz ta' merkanzija varja lilu mibjugha u konsenjata, kif fuq intqal, u dan bid-dispensa tas-smigh tal-kawza, in vista tad-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta` rikorrenti fit-termini ta' l-Artikolu 167 et seq tal-Kap. 12.

Bl-ispejjez, bl-imghax legali ulterjuri mill-14 ta' Ottubru, 2007 sal-pagament effettiv, bl-ispejjez tal-mandati

kawtelatorji ta' Qbid u Sekwestru prezentati kontestwalment, u bl-ingunzjoni ta' l-intimat ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tas-socjeta` rikorrenti.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Xehed Kevin Magri, ***manager*** mas-socjeta` rikorrenti u qal li minn meta gie prezentat ir-rikors guramentat, l-intimat ma ghamel l-ebda hlas, u lanqas xi hadd ghalih.

Rat li l-intimat ma deherx ghas-seduti u anqas deher xi hadd ghalih.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talba rikorrenti tidher gustifikata l-Qorti qed tilqaghha u filwaqt li qed timxi bid-dispensa tas-smigh a tenur ta' l-artikolu 167 ***et seq*** tal-Kap 12, il-Qorti qed tilqa' l-istess talba u qed tikkundanna lil Mario Scerri jhallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' hamsin elf tliet mija u disgha u sittin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm50,369.16) l-ekwivalenti ta' €117,391.47, bilanc minn somma akbar, prezz ta' merkanzija varja lilu mibjugha u konsenjata.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------